# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 20 ta` Settembru, 2017.**

**Talba Nru: 565/2016PA**

**Global Security Services Ltd**

**vs**

**Adrian J. Mizzi eżerċenti l-kummerċ bl-isem Unique Fashion Studios**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-24 ta` Novembru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet ħlas fis-somma ta` elf, mitejn u għoxrin Ewro, sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,220.57ċ) rappreżentanti prezz ta` servizzi reżi mis-soċjeta` attriċi lill-intimat fuq inkarigu u għall-benefiċċju tiegħu, liema somma tinkludi s-somma ta` €310 (esklużVAT) li l-intimat ammetta li huma dovuti fin-nota tiegħu (Dok.A) kif jidhru mill-fatturi annessi bħala Dok.B u Dok.C, bl-ispejjeż, inkużi dawk tal-ittra uffiċjali 916/16, u bl-imgħaxijiet leġali mid-data tal-għoti tas-servizzi sad-data ta` pagament effettiv.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament nota ta` oġġezzjoni għall-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 916/16, li fiha l-konvenut iddikjara li kien qed jopponi t-talba għall-ħlas mitlub, ħlief għall-ammont ta` €310 (eskluż VAT) dovuti għal servizzi ta` sigurta` reżi fil-25 ta` Mejju 2014 inkluż servizz ta` ambulanza provduti waqt l-Air Malta Function (Dok. A); u żewġ fatturi, datati rispettivament 3 ta` Ġunju 2014 u 2 ta` Ġunju 2014 għas-servizzi mertu ta` din l-azzjoni (Dok. B u Dok. C).

Ra r-Risposta tal-konvenut preżentata fis-16 ta` Jannar 2017 li permezz tagħha eċċepixxa: (a) preskrizzjoni skond l-art. 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili; (b) li l-ammont mitlub, salv għas-somma ta` €355 (VAT eskluż) dovuta għal servizzi ta` sigurta` reżi fil-25 ta` Mejju 2014, 6 siegħat servizzi ta` sigurta` reżi fit-30 ta` Mejju 2014 u servizzi ta` ambulanza waqt l-Air Malta *Function* u 4 siegħat servizzi ta` ambulanza reżi waqt il-Fashion Awards, mhux dovut għaliex il-bqija tas-servizzi imsemmija fil-fatturi ma ġewx reżi jew ma sarux kif miftiehma bejn il-partijiet jew kif titlob is-sengħa u s-sistemi tas-sigurta`.

Sema' x-xiehda u ra l-provi mressqa mill-partijiet.

Ra s-sottomissjonijiet bil-miktub imressqa mill-konvenut.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li s-soċjeta` attriċi qed tagħmel kontra l-konvenut għall-ħlas tal-prezz ta` servizzi ta` sigurta` li hija tgħid li provdietlu fuq inkarigu tiegħu, u skond l-ispeċifikazzjonijiet li taħa, u li tagħhom baqgħet sallum ma tħallsitx.

**Mario Cardona**[1], Chief Executive Officer tas-soċjeta` attriċi, ikkonferma l-fatturi ppreżentati mal-Avviż tat-Talba, u xehed li dawn is-soċjeta` attriċi ħarġithom lill-konvenut għal servizzi ta` sigurta` u ambulanzi li provdietlu fil-*Fashion Awards* f'Mejju 2014. Qal li s-soċjeta` attriċi qatt ma rċeviet il-ħlas mitlub, minkejja li bagħtitlu diversi talbiet għall-ħlas. Bi prova ta` dan, huwa ppreżenta kopja ta` korrispondenza elettronika[2] li għaddiet bejnu u l-konvenut f'Marzu u April 2016. Ix-xhud qal li f'Ottubru 2016, il-konvenut kien wiegħdu li ser iħallsu, pero` baqa' ma ħallsux.

[1] Ara xiehda, 14.2.2017, fol. 14-16
[2] Fol. 17-20

Mistoqsi mit-Tribunal jekk il-konvenut qattx qallu għaliex ma ħallasx dawn il-fatturi, l-attur qal li għall-prezz tas-servizzi tal-ambulanzi, il-konvenut kien qallu li kien ġa ħallsu, u l-attur talbu jindikalu meta u kif. Għal parti mill-ħlas tal-*Fashion Awards*, il-konvenut kien qallu li dan kellhom iħallsuh Kinds, pero` x-xhud insista li dan ma kienx il-każ, għaliex kien bagħat fattura separata lil dawn it-terzi tal-parti tal-ispejjeż li l-konvenut kien indikalu li kellhom iħallsu. Ilment ieħor li qal li ressaqlu l-konvenut kien li ma kienx irċieva servizz għal tant siegħat, imma għal anqas, pero` x-xhud insista li l-ħinijiet tawhomlu l-impjeġati tiegħu. Ix-xhud qal li darb'oħra l-konvenut kien ilmenta miegħu dwar il-kwalita` tas-servizz. Ix-xhud qal ukoll li qatt ma rċieva ebda lment formali mingħand il-konvenut dwar dan kollu, u li minnaħa tagħha s-soċjeta` attriċi kienet proċediet b'ittra uffiċjali eżekuttiva biex tigbor il-ħlas. Qal li fl-oġġezzjoni li ressaq il-konvenut għal dik l-ittra, huwa kien ammetta li kellu jħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` €310 oltre l-VAT, pero` qal li lanqas dak l-ammont ma ħallas.

In kontro-eżami, Mario Cardona qal li hu ma kienx preżenti fl-avvenimenti meta s-soċjeta` attriċi provdiet is-servizzi li tagħhom qed titlob il-ħlas b'din l-azzjoni.

Meta kompla jixhed[3], Mario Cardona ppreżenta kopja tal-fattura li kien bagħat lil Auto Sales Limited datata 3 ta` Ġunju 2014[4]. Huwa spjega li Auto Sales Limited kienu *sponsor* fil-*Fashion Awards*, u dawn ħallsu l-parti tagħhom. Cardona ppreżenta wkoll ir-*roster* tan-nies li pprestaw is-servizzi li tagħhom qed jintalab il-ħlas b'din il-kawża[5]. Cardona qal li l-ħlasijiet tipproċessahom Patricia Borg, ko-direttriċi tas-soċjeta` attriċi.

In kontro-eżami, Mario Cardona spjega li t-*time sheet* li ppreżenta[6] imlietha Patricia Borg, skond l-informazzjoni li taħa hu. Huwa kkonferma li din it-*time sheet* ma kienx għaddieha lill-konvenut. L-informazzjoni tal-ħinijiet qal li kien ġabha mingħand il-ħaddiema tas-soċjeta` attriċi li pprovdew is-servizz.

[3] Ara xiehda, 28.02.2017, fol.23
[4] Fol.28
[5] Fol.29
[6] Fol.29

Mistoqsi kif fuq din it-*time sheet* hemm reġistrat li Daniel ta s-servizz tiegħu fil-25 ta` Mejju 2014 bejn 7:30pm u 10:30pm – ċioe tlett siegħat – li pero` jidhru indikati bħala erba' siegħat fuq il-fattura relattiva, Cardona qal li ried jivverfika.

Mistoqsi dwar l-entrata li turi li Daniel beda bis-servizz tiegħu fit-30 ta` Mejju 2014 fis-2pm, mingħajr indikazzjoni ta` x'ħin spiċċa, Cardona wieġeb ukoll li kellu bżonn jagħmel il-verifiki.

Dwar l-entrata *'4 for after party'*, Cardona qal li din l-entrata tirreferi għal erba' persuni tas-servizz, u ċaħad li l-*afterparty* ma nżammx. Qal li, skond ma ħu infurmat, l-erba' persuni tas-sigurta` u l-ambulanza baqgħu fuq il-post għall-*afterparty*.

Cardona aċċetta li l-persuni tas-sigurta` indikati fit-*time sheet* bħala li pprovdew is-servizz lill-konvenut ma jiffigurawx mal-persuni li ta isimhom lill-pulizija qabel l-avveniment. Huwa pero` qal li dik il-komunikazzjoni lill-pulizija għamilha fuq talba tal-konvenut, u billi s-soċjeta` attriċi ma kinetx għadha taf lil min ser tibgħat, tat l-ismijiet tal-impjeġati kollha tagħha, li huma liċenzjati bħala persuni tas-sigurta`. Cardona ammetta pero` li dawk li effettivament provdew is-servizz lill-konvenut ma kinux kollha liċenzjati bħala uffiċjali tas-sigurta` mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dana peress li kienu *'ushers jikkontrollaw min jidhol u min joħroġ'*[7].

In ri-eżami, Mario Cardona qal li dawn l-ilmenti l-konvenut qatt ma semmihomlu qabel l-20 ta` Ottubru 2016 meta talbu jmur jiġbor iċ-ċekk.

Fix-xiehda tagħha, **Patricia Borg**[8] spjegat li hija taħdem il-pagi tan-nies li jaħdmu mas-soċjeta` attriċi, u tħallashom. Qalet li s-soċjeta` attriċi ħallset lil kull min ippresta servizzi lill-konvenut fuq inkarigu tagħha biex ma jkollhiex kwistjonijiet magħhom. Hija għarfet il-fatturi li fuqhom qed issir din il-kawża, u kkonfermat li baqgħu ma tħallsux.

[7] Fol. 75
[8] Ara xiehda 28.02.2017, fol.25

Is-soċjeta` attriċi ressqet b'xhud tagħha lill-konvenut **Adrian J. Mizzi**.[9] Huwa għaraf in-nota ta` oppożizzjoni tiegħu għall-ittra uffiċjali eżekuttiva li kien irċieva mingħand is-soċjeta` attriċi. Kwantu għad-differenza kontestata, il-konvenut qal li din il-kontestazzjoni għamilha minħabba li (i) s-soċjeta` attriċi kellha żbalji fuq il-ħinijiet tas-servizz tal-uffiċjali tas-sigurta` li provdiet, liema żbalji kienu rikonoxxuti minn rappreżentanti tagħha waqt telefonata pero` baqgħu jidhru fil-fatturi maħruġa mis-soċjeta` attriċi, (ii) minħabba li talbet mingħandu ħlas ta` servizzi li tagħhom tħallset mingħand terz (Auto Sales Limited), u (iii) minħabba li l-fatturi tagħha kienu jinkludu 36% VAT, minflok 18% VAT. Il-konvenut qal li din ma kinetx l-ewwel darba li qabbad lis-soċjeta` attriċi tipprovdilu servizzi ta` sigurta`, u qatt ma kellu problemi magħha, pero` dejjem kien hemm preżenti Mario Cardona, filwaqt li f'din l-okkażjoni dan ma kienx preżenti biex jieħu ħsieb. B'mod partikolari, il-konvenut semma li s-soċjeta` attriċi talbitu l-ħlas tas-servizz tas-sigurta` waqt l-*afterparty*, meta Cardona stess irrikonoxxa waqt telefonata li l-*afterparty* ma sarx, u allura s-servizz ma kienx provdut. Semma wkoll li l-fattura maħruġa lil Auto Sales Limited kienet għal aktar siegħat ta` servizz, minn dawk effettivament provduti skond it-*time sheets* prodotti mis-soċjeta` attriċi stess. Il-konvenut qal li d-diffikulta` tas-soċjeta` attriċi kienet li, filwaqt li kienet qed tirrikonoxxi l-iżbalji, irrifjutat li tnaqqas l-ammonti fuq il-fatturi billi diġa' kienet ħallset lill-uffiċjali tagħha.

Il-konvenut ikkonferma li fl-20 ta` Ottubru 2016, kien bagħat messaġġ lil Mario Cardona u staqsieh jekk kienx sejjer jiġbor iċ-ċekk.[10]

Il-konvenut qal ukoll li, immedjatament wara l-avvenimenti, huwa kien bagħat l-ilmenti tiegħi bil-miktub, bil-posta elettronika, lil Mario Cardona, fit-2 ta` Ġunju 2014, u dakinhar stess Cardona wieġbu bis-suġġeriment li jiltaqgħu flimkien mal-Ħead Security , ċertu Daniel, u li kien ser jibgħatlu rapport dettaljat, li pero` l-konvenut qal li qatt ma wasal għandu.[11]

---

[9] Ara xiehda, 21.03.2017, fol.31-33
[10] Fol.63
[11] Fol.54-55

Il-konvenut preżenta diversi dokumenti dwar komunikazzjonijiet elettroniċi u bit-telefon ċellulari li kien hemm bejnu u Mario Cardona fuq din il-kwistjoni.

Meta xehed minn jeddu[12], il-konvenut Adrian J. Mizzi qal li ilu jopera fil-qasam tal-moda għal 25 sena, u din ma kinetx l-ewwel darba li nkariga lis-soċjeta` attriċi biex tiprovdilu s-servizzi tas-sigurta`. Qal li jaf li kienet tipprovdi s-servizzi tas-sigurta` fl-MFCC f'Ta` Qal, u nkariga lilha għaliex kellha l-esperjenza f'dak it-tip ta` avvenimenti.

Il-konvenut qal li s-servizz li talab lis-soċjeta` attriċi tipprovdilu ma kienx ta` sempliċi *ushering*, imma servizz ta` sigurta` minħabba n-nies *high profile* li kellhom jattendu għall-avveniment. Qal li l-inkarigu tah lil Mario Cardona personalment, u li ppretenda li dan ikun preżenti, u jmexxi s-servizz tas-sigurta` kif ġara f'okkażjonijiet preċedenti. Huwa kompla jgħid li parti mill-proċedura meħtieġa dak iż-żmien kienet li min ikun ser jipprovdi s-servizz tas-sigurta` japplika mal-Kummissarju tal-Pulizija, u jagħtih id-dettalji tal-uffiċjali tas-sigurta` li kellhom jagħtu s-servizz biex issir il-verifika jekk kinux liċenzjati. Qal li hu u Cardona kienu ftiehmu fuq ir-rata ta` kull siegħa servizz, u mbagħad żaru flimkien il-postijiet fejn kellhom jiġu pprestati s-servizzi u ftiehmu fuq l-ammont ta` uffiċjali meħtieġa. Qal li minn dan kollu ma kien hemm xejn bil-kitba. Il-konvenut xehed li, qabel din il-kawża, ma kienx jaf li l-uffiċjali li pprovdew is-servizz f'isem is-soċjeta` attriċi ma kinux liċenzjati, u ma kinux l-istess uffiċjali li s-soċjeta` attriċi kienet indikat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

B'mod partikolari, il-konvenut qal li fl-avveniment li nżamm fis-27 ta` Mejju 2014 fi Smartcity, is-soċjeta` attriċi kellha tibgħat uffiċjal tas-sigurta` fl-4pm biex iżomm lin-nies mhux tesserati milli jidhlu, pero` dan ma wasalx. Meta ċemplu lil Mario Cardona, dan wieġeb li kien fit-triq, pero` sas-7pm ma kien mar ħadd, u n-nies laħqu mlew il-*carpark* fejn mhux suppost daħlu. Il-persuni li ppreżentaw ruħhom f'isem is-soċjeta` attriċi bħala uffiċjali tas-sigurta` ma kkontrollawx id-dħul tan-nies, u lanqas biss kien qed jirnexxielhom jikkomunikaw bejniethom minħabba diffikulta` bil-lingwa. Minħabba f'hekk, il-konvenut kellu jinkariga persuna hu biex isseħħ il-komunikazzjoni, u fil-

[12] Ara xiehda, 30.05.2017, fol.76 *et seq.*

frattemp kien hemm taħwid kbir. Il-konvenut kompla jgħid li, wara li spiċċa l-avveniment, għamlet ħafna xita, u l-uffiċjali tas-sigurta` telqu jiġru ħlief tnejn. L-*afterparty* ġie kkanċellat minħabba fix-xita u fil-11:30pm iċ-*Chief Security Officer* tas-soċjeta` attriċi bagħat lill-uffiċjali tas-sigurta` d-dar. L-aħħar wieħed li telaq kien ċertu Daniel, li telaq f'11:45pm. Il-konvenut qal li sar jaf li dakinhar Mario Cardona kien imsiefer, u li minħabba f'hekk jumejn wara kitiblu u ġibidlu l-attenzjoni fuq in-nuqqasijiet. Il-konvenut iddikjara li hu kien preżenti f'dik l-okkażjoni, u baqa' hemm sakemm telaq kulħadd.

Dwar il-messaġġ mibgħut minnu lil Mario Cardona biex imur jiġbor iċ-ċekk, il-konvenut qal li dan kien jirrigwardja servizz differenti, provdut mis-soċjeta` attriċi fil-*hanger* tal-Air Malta, li dwaru s-soċjeta` attriċi kienet tatu skont ta` 50% pero` żammitlu 36% VAT, kif jidher mill-fattura eżibita bħala 'Dok. X1'[13].

Il-konvenut ressaq b'xiehda tiegħu lis-**Supretendent Francis Micallef**, u lil **Daniel Cuschieri**.[14]

Is-**Supretendent Francis Micallef** spjega li, f'avvenimenti bħal dawk imsemmija f'din il-kawża, il-Kummissarju tal-Pulizija jeżiġi li jkollu d-dettalji tal-uffiċjali tas-sigurta` li jkunu ser jagħtu s-servizz waqt dawk l-avvenimenti, biex issir il-verifika li dawn ikunu liċenzjati, u li l-liċenzja tagħhom tkun imħallsa. Meta dan jiġi verifikat, il-Kummissarju tal-Pulizija japprovahom biex jagħtu s-servizz f'dak l-avveniment. Jekk min ikun ser jipprovdi s-servizz tas-sigurta` ikun ser jinkariga uffiċjali mhux elenkati lill-Kummissarju ta-Pulizija, huwa obbliġat jibgħat id-dettalji tal-uffiċjali l-ġodda biex issir l-istess verifika dwarhom.

In kontro-eżami, is-Supretendent Micallef qal li l-proċedura segwita hija li tintbagħat it-talba mill-uffiċju distrettwali lill-uffiċju inkarigat, u mbagħad tintbagħat risposta bil-verifika.

[13] Fol.80
[14] Ara xiehda, 27.06.2017

**Daniel Cuschieri** xehed li f'Mejju 2014 kien jaħdem bħala uffiċjal tas-sigurta` mal-Global Security  Services Limited, u li ġieli kien inkarigat jieħu ħsieb is-sigurta` fl-avveniment.

Dwar l-attivita` li nżammet fil-31 ta` Mejju 2014 fi Smartcity, ix-xhud qal li hu kien responsabbli mis-servizz tas-sigurta` f'isem is-soċjeta` attriċi. Qal li b'kollox kienu 11-il uffiċjal dakinhar.  Filwaqt li ma kienx jaf jgħid fi x'ħin bdew bis-servizz, huwa qal li dan is-servizz provdewh sa tmiem l-avvveniment, li kien għall-ħabta ta` 11:30pm jew 11:45pm. Qal li din l-informazzjoni vverifikaha min-notamenti li kien iżomm, li pero` ma jinkludux l-ismijiet tal-uffiċjali individwali.  Dawn l-uffiċjali kienu preżenti mill-bidu sal-aħħar.

Cuschieri qal li, f'dik l-okkażjoni, kellhom problema fil-bidu tal-avveniment għaliex ma  kienx hemm sigurta` fil-parkeġġ, u allura n-nies bdew jipparkjaw bl-addoċċ. Fl-entratura kellhom problema b'uffiċjal li ma kienx qed jikkomunika sew għaliex kien Għarbi, pero` mbagħad bidluh. Ix-xhud qal li kien informa b'dan kollu lil Mario Cardona, li pero` ma kienx preżenti fuq il-post. Qal li waqt l-avveniment, il-konvenut kien kellmu aktar minn darba dwar dawn il-problemi, inkluż minħabba li n-nies xorta waħda daħlu fejn suppost kien hemm uffiċjal tas-sigurta` jżommhom milli jidhlu. Qal ukoll li kien hemm pjanat *afterparty*, li ma sarx minħabba x-xita.  Qal li kien għadda karta bil-ħinijiet tas-servizz lis-soċjeta` attriċi.

In kontro-eżami, Daniel Cuschieri xehed li hu m'għadux jaħdem mas-soċjeta` attriċi, u meta kien qed jixhed kien ilu tlett snin li waqaf.  Insista li kien ħa l-ordni mingħand Mario Cardona biex jitlaq kulħadd, u fuq dik l-ordni ta ordni lill-uffiċjali kollha biex jitilqu fil-ħin li semma', u żġur ma damux sal-ħin indikat minn Cardona f'din il-kawża.  Cuschieri qal li m'għandux mod kif jivverifika ta` kemm siegħat xogħol tħallas għal dak l-avveniment, għalkemm qal li huwa ċert li dakinhar kienu 11-il uffiċjal tas-sigurta` fuq il-post.  Bejn wieħed  u ieħor, qal li s-servizz tagħhom provdewh minn xi 6pm 'il quddiem.

Ikkunsidra wkoll li:

Mill-kumpless tal-provi rriżulta li s-soċjeta` attriċi provdiet servizzi ta` sigurta`, u fix-xahar ta` Mejju 2014, fil-Belt Valletta, fi Smart City u fil-*hanger* tal-Air Malta. Il-konvenut ma jiċħadx li dawn is-servizzi ġew provduti mis-soċjeta` attriċi fuq inkarigu tiegħu, pero` jikkontesta l-kwantita`, u l-kwalita`, tas-servizz. Għab-bażi ta` dan, huwa kien iddikjara qabel bdiet din il-kawża li jirrikonoxxi li huwa debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta` €310, oltre l-VAT, in konnessjoni ma' dawn is-servizzi, u mbagħad f'din il-kawża irrikonoxxa ruħu debitur tagħha fl-ammont ogħla ta` €355, oltre l-VAT.

Dan ir-rikonoxximent tad-debitu da parti tal-konvenut huwa inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnu fir-Risposta tiegħu, bażata fuq l-**art. 2148(a)** tal-Kodiċi Ċivili. Din il-preskrizzjoni ta` tmintax-il xahar tolqot *'l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta` persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu'*. L-**art. 2133** u **2134** tal-Kodiċi Ċivili jipprovdu ċar li:

> **2133.** Il-preskrizzjoni tinkiser **jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja**.
> **2134.** Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll **bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih**.

F'dan il-każ, il-konvenut jammetti li minn jeddu kien offra parti mill-ħlas mitlub lis-soċjeta` attriċi b'messaġġ li bagħat lir-rappeżentant tagħha fl-20 ta` Ottubru 2016, u ċioe ftit ġimgħat biss qabel ġiet preżentata din il-kawża, u wara li s-soċjeta` attriċi kienet diġa' interrompiet il-preskrizzjoni bl-att ġudizzjarju intavolat minnha fil-31 ta` Mejju 2016. Dan kollu qed jingħad fid-dawl ukoll tat-tieni eċċezzjoni li ressaq il-konvenut, kontra t-talba tas-soċjeta` attriċi, li fiha għal darb'oħra jirrikonoxxi ruħu debitur tagħha f'somma anqas minn dik pretiża minnha. Jgħodd f'dan il-każ dak spjegat mill-Qorti tal-

Appell fis-sentenza **Perit Lino Bianco proprio et nomine vs John Cassar**[15] fis-sens li *'Jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eċċepita ma jibqagħlha l-ebda valur meta din takkompanja eċċezzjoni oħra li magħha hija nkonċiljabbli u nkompatibbli. Dan jiġri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiża tal-ineżistenza tad-debitu jew taċ-ċaħda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur, iżda tas-sempliċi kontestazzjoni tal-ammont jew aħjar kif jingħad f'din il-kawża il-quantum huwa esaġerat. Konformement bħal fil-każ tal-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni, eċċezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja għall-preskrizzjoni li tkun ġja kompjuta` (vide* ***Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Ltd*** *deċiża fit-28 ta` April 2004).*

Għal din ir-raġuni, it-Tribunal ma jistax jilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u għalhekk ma jeħtieġlux jidhol fil-kwistjonijiet l-oħra jekk japplikax l-**art. 2148(a)** għal din l-azzjoni, li fiha qed jintalab ħlas għal servizzi ta` sigurta`, u mhux il-prezz ta` servizzi materjali u mekkaniċi, u wkoll jekk il-konvenut irnexxielux jipprova l-estremi meħtieġa skond l-**art. 2160(1)** tal-Kodiċi Ċivili biex tirnexxi d-difiża tal-preskrizzjoni sollevata minnu.

Kwantu għall-mertu, is-soċjeta` attriċi naqset li tipprova ċar li pprovdiet is-servizzi sħaħ, li tagħhom qed titlob il-ħlas, lill-konvenut. Addirittura, l-uffiċjal tagħha li nkarigat biex ikun responsabbli mill-avveniment prinċipali tal-*Fashion Awards* fi Smart City ikkuntradiċa lir-rappreżentant tagħha Mario Cardona kemm dwar il-kwalita` tas-servizz, u anke dwar it-tul ta` ħin li matulu dan kien provdut. Kuntrarjament għal dak alleġat mir-rappreżentant tagħha Mario Cardona, dawn l-ilmenti kienu magħrufa lilha mill-bidu nett, u s-soċjeta` attriċi naqset li tipprova x'investigazzjonijiet wettqet biex tivverifika l-fatti, aktar u aktar meta l-istess Cardona li xehed estensivament ma kienx preżenti. Jirriżulta ċar ukoll li l-uffiċjali tas-sigurta` li bagħtet is-soċjeta` attriċi biex jipprovdu s-servizz fl-avveniment fi Smart City aktarx ma kellhomx liċenzja biex jipprovdu dan is-servizz, jew tal-anqas ma kinux ilkoll liċenzjati, filwaqt li jidher li ma kellhomx il-ħiliet u t-taħriġ sħaħ sabiex jipprovdu dan is-servizz sensittiv kif mistenni.

[15] Qorti tal-Appell (Inferjuri), 20.10.2012 u d-diversi sentenzi hemm ċitati

Mill-banda 'l oħra, il-konvenut ma tax raġuni tajba għaliex ma ħallasx tas-servizzi tas-sigurta` provduti lilu fil-Belt Valletta mill-25 sat-30 ta` Mejju 2014. Kwantu għas-servizzi mogħtija lilu għall-avveniment fi Smart City, id-difiża prinċipali tiegħu hija li l-*afterparty* ma nżammx, u l-uffiċjali tas-sigurta` telqu minn fuq il-post fil-11:30pm, *oltre* li fil-bidu ma tawx is-servizz mixtieq. Il-konvenut ma kkontestax ir-rati ndikati fil-fatturi, u għalhekk dan it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li l-konvenut għandu jħallas lis-soċjeta` attriċi (i) il-ħlas mitlub għas-servizzi provduti fil-Belt Valletta, li minnhom għandu jitnaqqas il-prezz ta` ħames siegħat servizz li tagħhom is-soċjeta` attriċi tħallset żejjed mingħand Auto Sales Limited, b'kollox €63.75ċ; (ii) il-ħlas mitlub għas-servizz mogħti minn 11-il uffiċjal tas-sigurta` għal erba' siegħat fil-31 ta` Mejju 2014 fi Smart City, b'kollox €330; (iii) il-ħlas mitlub għas-servizz tal-ambulanza fil-*hanger* tal-Air Malta, b'kollox €140; (iv) il-ħlas dovut għas-servizz tal-ambulanza provdut għal erba' siegħat fi Smart City, b'kollox €140. Għalkemm huwa minnu li s-soċjeta` attriċi ma provdietx uffiċjali tal-kwalita` meħtieġa, u mwiegħda, fl-avveniment ta` Smart City, skond ma xehed Daniel Cuschieri mressaq mill-konvenut, dawn xorta waħda taw is-servizz mitlub, u l-konvenut ħa l-benefiċċju tiegħu anke jekk b'xi diffikultajiet. *Oltre* dan, il-konvenut naqas li jħallas, jew jiddepożita, id-debitu li rrikonoxxa li kellu lejn is-soċjeta` attriċi.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' limitatament it-tieni eċċezzjoni tiegħu skond dak hawn fuq deċiż, u konsegwentement jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta` attriċi, u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro u tlett ċenteżmi (€795.03ċ), liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud.

Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha f'din il-kawża.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**
**ĠUDIKATUR**